17 ta' Jannar, 1955

Imħallef:

Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Agostino Pace et. versus Antonio Agius ne.

**Servizi — Somministrazzjonijiet — Preskrizzjoni — Suspensjoni — Interruzzjoni — Rinunzia — Art. 2261 (f) u 2256 (1) tal-Kap. 23**

*L-azzjoni għall-ħlas ta' servizi u għar-restituzzjoni ta' spejjeż għal somministrazzjonijiet magħmula lill-persuna servuta tippreskrivi*

*ruħha f'ħames snin; u ċ-ċirkustanza li s-serviġi jew somministrazzjonijiet jkunu kontinwi, jew bla interruzzjoni, mhix biżżejjed biex timpedixxi illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri. B'mod li l-kontinwità jew reiterazzjoni tas-serviġi jew somministrazzjonijiet ma tissospendix il-bidu jew il-kors tal-preskrizzjoni, u lanqas ma timporta, għalkemm aċċettata mid-debitur, interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-kreditu għas-serviġi jew somministrazzjonijiet anterjuri. Għaliex l-att ta' persuna li taċċetta mill-ġdid il-prestazzjonijiet ma jistax iwassal għall-ammissjoni ta' debitu dwar prestazzjonijiet anterjuri, jew għal rikonixximent ta' drittijiet dwar dawk il-prestazzjonijiet anterjuri, jew għal xi rinunzja għall-preskrizzjoni tad-dritt naxxenti minn prestazzjonijiet anterjuri.*

*Espressjonijiet vagi tad-debitur, bħal ma huma "ma nħallikx tbati" jew "alla ħares ma kontx int", mhumiex biżżejjed biex jinterrompu l-preskrizzjoni; kif lanqas ma hija espressjoni univoka, li għandha tiġi kunsidrata bħala rikonoxxment tad-dejn u rinunzja ta' dritt, dik li biha min irċieva dawk il-prestazzjonijiet esprima ruħu fis-sens li ried jagħmel testment u jħalli legat lill-persuna li għamlitlu dawk il-prestazzjonijiet.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-atturi, wara li jippremettu illi l-attriċi Inez Pace, sa minn mindu kellha ħdax il-sena, kienet iddur b'Paolina Ellul, li mietet fit-23 ta' Ġunju, 1953, tassistiha, u tipprestalha diversi serviġi; u illi l-attur Agostino Pace, għal diversi snin, kien jibgħat il-manteniment jew ikel lill-istess Paolina Ellul bi flusu; jitolbu illi, wara li tiġi magħmula kull dikjarazzjoni neċessarja u meħud kull provvediment opportun, il-konvenut jiġi minn dina l-Qorti (1) kundannat iħallas lill-attriċi Inez Pace, bħala kumpens għas-serviġi minnha reżi lil Paolina Ellul, il-lum mejta, dik is-somma li tiġi likwidata minn dina l-Qorti, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi; (2) kundannat iħallas lill-attur Agostino Pace dik is-somma li tiġi likwidata minn dina l-Qorti, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, in restituzzjoni ta' l-ispejjeż minnu magħmula fis-somministrazzjoni tal-manteniment jew ikel minnu mogħti lil Paolina Ellul, il-lum mejta. Bl-ispejjeż, kompriż dawk tal-mandati ta' sekwestru tad-29 ta' Settembru u tal-5 ta' Ottubru.

1953, kontra l-konvenut nomine, li ġie mħarrek biex jidher għas-*subizzjoni;*

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit legali, fir-relazzjoni tiegħu, ġie għall-konkluż-joni li l-preskrizzjoni ta' ħames snin sollevata mill-konvenut mhix applikabbli, la għall-azzjoni ta' l-attur u lanqas għal dik ta' l-attriċi; li l-attur, b'restituzzjoni ta' l-ispejjeż minnu magħmula għall-ikel minnu mogħti lil Paolina Ellul jistħoqqlu kumpens ta' £67.12.0, kalkulat fuq il-bażi ta' 2s. *fil-ġimgħa għal tul tlettax il-sena; u li l-attriċi, bħala* kumpens għas-serviġi minnha reżi lil Paolina Ellul, jistħoqqilha s-somma ta' £156, kalkulata fuq il-bażi ta' 10s. fix-xahar missena 1940 sas-sena 1946, ta' £1 fix-xahar mis-sena 1946 sa disa' xhur qabel il-mewt ta' Paolina Ellul, u ta' £45 għal tul l-imsemmija disa' xhur;

Illi, rigward il-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, il-perizja legali ssottomettiet illi l-azzjoni ta' l-atturi hi waħda li normalment tippreskrivi ruħha fi żmien ħames snin; u ċ-ċirkustanza *li s-serviġi jew somministrazzjonijiet ta'* mante-niment ikunu kontinwi, jew bla interruzzjoni, mhix biżżej-jed biex timpedixxi illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri; b'mod illi l-kontinwità jew ir-reiterazzjoni tas-serviġi jew tas-somministrazzjonijiet ma tissospendix il-bidu jew il-kors tal-preskrizzjoni, u lanqas ma timporta, għalkemm aċċetta-ta mid-debitur, interruzjoni tal-preskrizzjoni tal-kreditu għal serviġi jew somministrazzjonijiet anterjuri; għaliex l-att ta' persuna li taċċetta mill-ġdid il-prestazzjonijiet ma jistax iwassal *għall-ammissjoni* ta' debitu dwar prestazzjonijiet an-terjuri jew għal rikonoxximent ta' drittijiet dwar dawn il-prestazzjonijiet anterjuri, jew għal xi rinunzja għall-pres-krizzjoni tal-kreditu għal serviġi jew somministrazzjonijiet anterjuri; għaliex l-att ta' persuna li taċċetta mill-ġdid il-prestazzjonijiet ma jistax iwassal għall-ammissjoni ta' debi-tu dwar dawn il-prestazzjonijiet anterjuri, jew għal xi ri-nunzja għall-preskrizzjoni tad-drittijiet naxxenti minn pre-stazzjonijiet anterjuri;

Dina l-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni tal-perizja legali, għaliex hi konformi mal-liġi u mal-ġurisprudenza ta'

dawn il-Qrati (art. 2261 (f), 2256 (1), Kodici Civili; Vol. XXXII-II-342; XXXIII-I-285). B'dan kollu, għalkemm fil-każ taħt konsiderazzjoni jittratta minn kontinwità ta' servigi u ta' prestazzjonijiet, il-perizja legali ssottomettiet illi l-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut mhix applikabbli la għall-azzjoni ta' l-attrici u lanqas għal dik ta' l-attur, u dan għal żewġ ragunijiet: għaliex f'dan il-każ il-kumpens tas-servigi u taś-somministrazzjonijiet kien suġġett għat-terminu, cjoè l-kumpens kellu jitħallas wara l-mewt tad-debitrici; u għaliex, anki kieku ma kienx hemm dan it-terminu, id-diskors ta' Paolina Ellul, kull meta qalitu, kien tali illi jwassal għal rikonoxximent tad-debitu tagħha, u għalhekk għall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, jekk din kienet bdiet tiddekorri;

Illi din il-Qorti ma taqbelx ma' din il-konklużjoni tal-perizja legali fuq ir-ragunijiet minnha sottomessi. Tabilħaqq, in rigward l-azzjoni ta' l-attrici, l-ewwel raguni l-perizja legali tibbażana fuq ic-cirkustanza deposta mill-attrici, li meta hi kellha xi għaxar snin Paolina Ellul kienet marret id-dar tagħhom u kienet ħadet isimha (ta' l-attrici), l-isem ta' ommha, ta' oħtha, u ta' ħuha, sabiex tħallilhom xi ħaga fit-testment. Imma, apparti li din ic-cirkustanza lanqas ma giet deposta minn omm l-attrici, li supposti lilha gew mitluba l-partikularitajiet tuq imsemmijin, ma jidherx illi l-attrici, meta kien għad għandha għaxar snin, setgħet tifhem l-importanza ta' l-istess supposta cirkustanza; u jingħad "supposta", għaliex dak iż-żmien, kif issottomettiet il-perizja legali, is-servigi ta' l-attrici lil Paolina Ellul kienu għadhom kemm bdew u kienu żgħar u leġġjeri, u għalhekk mhux tali illi jigu kompensati b'laxxitu f'testment. Dan barra mill-fatt li Paolina Ellul fil-każ, f'dik l-okkażjoni, kif xehdet l-istess attrici, riedet tkun taf mhux biss isimha, imma dak ukoll ta' ommha, ta' oħtha, u ta' ħuha, persuni dawn li ma kienu rrendewlha ebda servigi, u li, biex tħalli laxxitu lill-attrici, Paolina Ellul ma kellha ebda bżonn tkun taf isimhom. Għalhekk ma jidherx illi l-imsemmija Ellul dawk l-ismijiet, jekk talbithom, riedithom biex tkun tista' il-quddiem tirrikompensa lill-attrici;

It-tieni raguni, imbagħad, il-perizja legali tibbażaha fuq xi diskors li Paolina Ellul qalet riferibbilment għall-attrici,

jiġifieri li allaħares ma kienetx hija għaliha, li kienet tieħu ħsiebħa (dep. Padre. Scicluna, fol. 18); li wara mewtha tkun taf x'hemm għaliha (dep. Concetta Pace, fol. 21). Immá, apparti illi ma jirriżultax preċiżament meta ntqalu dawn l-espressjonijiet, l-istess ma jfissrux, weħedhom, rikonoxximent tad-debitu, u lanqas għall-interruzzjoni ta' preskrizzjoni; għaliex huma wisq vagi biex jistgħu jkunu nterpretati bħala rinunzja għal dritt, kontra l-prinċipju fondamentali r-rinunzji għandhom ikunu ċari u mhux ekwivoċi. Effettivament, espressjoni ftit jew wisq simili, jiġifieri dik ta' "ma nħallikx tbati", ġiet kunsidrata bħala mhix biżżejjed biex tinterrompi l-preskrizzjoni (Vol. XXXII-II-342); u l-istess perizja legali fil-kawża l-oħra konnessa ma' din, fuq imsemmija, issottomettiet illi l-kliem "allaħares ma kienetx Guża għalija", u l-fatt li Paolina Ellul kienet qalet illi riedet tagħmel testment u tħalli legat ta' £10 lil Paolina Ellul, huma ekwivoċi, u ma jistgħux jiġu kunsidrati bħala rikonoxximent ta debitu u rinunzja ta' dritt. Għaliex, f'materja ta' rinunzji, hu prinċipju li dawn għandhom jirriżultaw minn provi irrefragabbli, u mhux ekwivoċi, tal-volontà tar-rinunzjant;

Għar-rigward, imbagħad, ta' l-azzjoni ta' l-attur, kif tajjeb issottometta l-konvenut, għall-pretensjoni minnu miġjuba ma saret ebda prova ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni, u ma jidherx illi bejn is-serviġi magħmula mill-attriċi u s-somministrazzjonijiet prestati mill-attur hemm xi konnessjoni, kif ġie sottomess mill-perizja legali. Wara kollox, anki kieku kien hemm xi konnessjoni, din ma kienet sservi għal xejn: u dan għar-raġunijiet fuq imsemmija;

Illi dina l-Qorti taqbel mal-perit legali in kwantu kkonkluda illi, tant l-attur kemm l-attriċi, jistħoqqilhom kumpens għas-somministrazzjonijiet u għas-serviġi minnhom rispettivament prestati lil Paolina Ellul; u dan anki in bażi għar-rati minnu sottomessi; u għalhekk l-attur għandu jieħu l-istess kumpens, imma għall-perijodu biss li mhux milqut mill-preskrizzjoni opposta mill-konvenut. B'dan il-mod l-attur hu intitolat għall-kumpens tas-somministrazzjonijiet għall-perijodu mid-29 ta' Settembru, 1948, jiġifieri ħames snin qabel ma ġie spedit il-mandat tas-sekwestru msemmi

*fiċ-ċitazzjoni* ......; u l-attriċi hija ntitolata għall-kumpens tas-serviġi reżi minnha lil Paolina Ellul għall-istess perijodu .........;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi, wara illi tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames snin sollevata mill-konvenut, li tolqot issomministrazzjonijiet ta' l-attur u s-serviġi ta' l-attriċi, prestati minnhom lil Paolina Ellul fil-perijodu oltre l-ħames snin mid-29 ta' Settembru, 1953, u hekk tirrespinġi t-talbiet tagħhom għall-kumpens riferibbli għalihom, bl-ispejjeż kontra l-atturi;

Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' £24.6.0. bħala kumpens tas-somministrazzjonijiet minnu prestati lil Paolina Ellul mid-29 ta' Settembru, 1948, sat-23 ta' Gunju, 1953, u lill-attriċi s-somma komplessiva ta' £92.15.0 bħala kumpens tas-serviġi minnha reżi lill-istess Paolina Ellul fl-imsemmi perijodu; bl-imgħax legali mil-lum, u bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine, barra dawk tal-perizja legali, li minnhom l-atturi għandhom iħallsu t-terz.